**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija llum, l-Erbgħa, erbgħa (4) ta' Ġunju 2025

Kawża Nru 2028/2025

**Il-Pulizija**
***(Spettur Rachel Aquilina)***

**Vs**

**Dion Xuereb**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Dion Xuereb**, iben Martin Joseph u Ruth nee' Schembri, imwieled ir-Rabat, Għawdex fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar 2005 u residenti 108, Blk. C, Flat 6, Triq l-Alfier De Medran, Tarxien, talli nhar it-tnejn (2) ta' Lulju 2024 għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) fi Triq l-Intornjatur, l-Imrieħel, Birkirkara u fil-ġimgħat ta' qabel fil-Gżejjer Maltin:

(1) ikkommetta serq sempliċi ta' pjanċa ta' reġistrazzjoni bin-numru EBZ 373 għad-dannu ta' Jacob Micallef u ta' *license disc* tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EQZ 493 għad-dannu ta' Ctmove Limited (VHS269);[1]

(2) saq l-imsemmija vettura tal-għamla "Peugeot" bin-numru tal-VIN VF32CKFXE40410909 (BSS 516) mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;[2]

(3) saq l-imsemmija vettura tal-għamla "Peugeot" bin-numru tal-VIN VF32CKFXE40410909 (BSS 516) mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;[3]

(4) saq l-imsemmija vettura tal-għamla "Peugeot" bin-numru tal-VIN VF32CKFXE40410909 (BSS 516) mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita' għat-Trasport f' Malta sabiex tintuża fit-triq;[4]

(5) kellu l-imsemmija vettura tal-għamla "Peugeot" bin-numru tal-VIN VF32CKFXE40410909 (BSS 516) fit-triq, kemm ipparkjata kif ukoll jekk kienet qed tintuża, mingħajr liċenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorita' għat-Trasport f' Malta;[5]

(6) għamel użu minn marka ta' reġistrazzjoni (numru ta' reġistrazzjoni EBZ 373) xort'oħra minn dik mogħtija mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta dwar il-vettura tal-għamla "Peugeot" bin-numru tal-VIN VF32CKFXE40410909 (BSS 516).[6]

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi persuna jiġi skwalifikat milli jieħu jew ikollu ebda liċenzja tas-sewqan għall-perjodu taż-żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha preżentati mill-Prosekuzzjoni;

---

[1] Artikolu 284 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] Regolament 13(2) tal-Liġi Sussidjarja 368.02.
[6] Regolament 44(5) tal-Liġi Sussidjarja 368.02.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

- ***Fatti tal-Każ***

Illi l-fatti f'dan il-każ huma brevement is-segwenti: nhar it-tnejn (2) ta' Lulju 2024 għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) il-Pulizija waqt ronda ta' rutina fi Triq l-Intornjatur, l-Imrieħel, innotat vettura tal-għamla 'Peugeot' li kienet nieqsa mill-pjanċi ta' reġistrazzjoni fuq quddiem. Fuq il-*windscreen* tal-vettura kien hemm karta bil-kitba EBZ 373, u fuq wara kienet imwaħħla pjanċa ta' reġistrazzjoni bl-istess numru. Wara tfittxija fuq is-sistema' tal-Pulizija, ġie kkonfermat li n-numru ta' reġistrazzjoni EBZ 373 kien reġistrat fuq vettura oħra tal-għamla 'Volkswagen Golf' ta' kulur griż, li tappartjeni lil ċertu Jacob Micallef.

Il-Pulizija kkonfermat ukoll li l-*license disc* li kienet mal-vettura 'Peugeot' kienet tappartjeni lill-*scooter* tal-għamla NIU ta' lewn isfar bin-numru ta' reġistrazzjoni EQZ 493 li jappartjeni lil Allan Camilleri, rappreżentant ta' CTMOVE LIMITED (VHS269).

Minn verifiki ulterjuri li saru fuq iċ-*chassis number* VF32CKFXE40410909, irriżulta li l-vettura kienet reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni BBS 516 u s-sid tagħha kien ċertu Jacob Cachia. Il-Pulizija kkonfermat ukoll li l-liċenzja tat-triq fuq il-vettura 'Peugeot' kienet skaduta u l-vettura kienet ilha ggaraxxjata mit-tlettax (13) ta' Frar 2024. Barra minn hekk, il-vettura kienet mingħajr polza ta' assigurazzjoni.

In vista tal-allegati irregolaritajiet, il-Pulizija bagħtet għal *towtruck* sabiex il-vettura tiġi rmunkata. Waqt li l-Pulizija kienu qegħdin jistennew it-*towtruck,* fuq il-post mar l-imputat fejn stqarr mal-Pulizija li l-vettura kienet tiegħu u kien xtraha dakinhar stess mingħand il-ħabib tiegħu Jacob Cachia, iżda t-trasferiment tal-vettura kien għadu ma sarx. L-akkużat indika li kellu ċ-

ċwievet tal-vettura u infatti l-vettura infetħet bl-istess ċwievet u l-Pulizija kienu anke f'posizzjoni li jagħmlu tfittxija fl-istess vettura fejn ma instab xejn irregolari. Dawn iċ-ċwievet imbagħad ġew mgħoddija lill-persuna li ġie bit-tow truck;

Nhar is-sitta (6) ta' Lulju 2024, l-imputat ġie mitkellem mill-Pulizija fejn ingħata d-drittijiet legali tiegħu u rrinunzja għall-istess. Hu kkonferma li l-vettura kien xtraha nhar it-tnejn (2) ta' Lulju 2024 u saqha sal-Imrieħel, fejn ipparkjaha quddiem il-post tax-xogħol tiegħu. L-intenzjoni tiegħu kienet li wara jieħu l-istess vettura fil-garaxx tiegħu ġewwa s-Siġġiewi.

Meta mistoqsi dwar il-pjanċi ta' reġistrazzjoni bin-numru EBZ 373, l-imputat ammetta li dawn ma kinux jappartjenu lill-vettura 'Peugeot', u dakinhar stess hu seraq l-pjanċa minn fuq Golf Mark 4 li kienet ipparkjata fil-parking tal-iskola tal-Ħandaq u waħħalha mal-vettura 'Peugeot'. Rigward il-*license disc*, hu ammetta li din kienet imwaħħla ma' scooter tal-'Whizascoot' u hu ħadha u waħħalha mal-vettura tiegħu.

Meta ġie kkonfrontat b' rapport ta' serq tal-pjanċi EBZ 393 li sar fl-aħħar ta' April 2024, l-akkużat ċaħad li għandhu x'jaqsam ma' dak il-każ, iżda ammetta li seraq pjanċa waħda fil-ġurnata meta xtara l-vettura.

L-imputat ċaħad ukoll li kellu l-vettura fil-pussess tiegħu qabel nhar it-tnejn (2) ta' Lulju 2024, minkejja li l-vettura kienet inqabdet tiġi misjuqa b'sewqan eċċessiv fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ġunju 2024 fid-disgħa u sebgħa minuta ta' filgħaxija (21:07hrs) ġewwa Vjal ir-Royal, Malta Artillery, Imrieħel.

L-imputat wera kopja tal-*logbook* fuq il-mobile lill-Pulizija, u meta ġie mitlub jipproduċi l-liċenzja tas-sewqan tiegħu, hu ammetta li kien saq il-vettura mingħajr liċenzja tat-triq, mingħajr liċenzja tas-sewqan u polza ta' assigurazzjoni, kif ukoll li kien ipparkjaha fuq *double yellow lines* fil-post fejn il-vettura instabet u minn fejn ġiet irmunkata. Dion Xuereb ġie nfurmat li kienu sejrin jinħarġu l-akkużi fil-konfront tiegħu.

Ikkunsidrat:

L-argument prinċipali imqajjem mid-difiża fis-sottomissjonijiet finali tagħha jikkonċerna l-validita tad-dokument tar-rifjut li ġie iffirmat mill-akkużat. Id-difiża targumenta li d-dikjarazzjoni ta' rifjut li saret da parti tal-akkużat hija waħda monka u ma saritx skont id-dettami tal-artikolu 355AUA(6) tal-Kap. 9. Dan għaliex skont l-istess difiża, tali dikjarazzjoni ta' rifjut għall-assistenza legali da parti tas-suspettat riedet tkun iffirmata fil-presenza ta' żewġ xhieda u li l-uffiċjal investigatur ma setax jkun wieħed minn dawk iż-żewġ xhieda li tirrikjedi l-liġi. Id-difiża kompliet targumenta li la darba tali dikjarazzjoni ta' rifjut ma saritx skont id-dettami tal-liġi, dak kollu li seħħ wara tali dikjarazzjoni huwa inammissibbli bħala prova. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi biex tqis din l-ewwel eċċezzjoni qabel ma tidħol fil-mertu tal-akkużi li qegħdin jiġu addebitati lill-akkużat.

L-artikolu 355AUA(6) tal-Kap 9 jistabilixxi:

> *"Meta l-persuna miżmuma tagħżel li ma tfittixx assistenza legali l-Pulizija Eżekuttiva, l-uffiċjal li jkun qiegħed jinvestiga jew kull awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja għandhom jirrekordjaw dan il-fatt bil-miktub fil-preżenza ta' żewġ xhieda u malli jsir dan tibda l-interrogazzjoni minnufih. M'għandux ikun ammissibbli li l-prosekuzzjoni tikkummenta waqt il-proċeduri quddiem il-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali fuq il-fatt li l-persuna suspettata jew akkużata magħażlitx li tagħmel użu mill-assistenza legali waqt li kienet qedtinżamm taħt arrest."*

Dan is-sub-inċiż flimkien ma' artikoli oħra tal-liġi ġew introdotti fil-Kodiċi Kriminali tagħna permezz tal-Att LI tal-2016 sabiex il-leġislatur jdaħħal fis-seħħ fil-*corpus juris* tagħna d-Direttiva *2016/1919/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar ghajnuna legali ghal persuni ssuspettati u akkuzati fi procedimenti kriminali u ghal persuni rikjesti fi procedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew.*

M'hemmx dubju li din id-direttiva ġiet promulgata biex jiġu garantiti ċerti drittijiet bażiċi lis-suspettati f'investigazzjonijiet ta' natura kriminali. Huwa u jikkummenta fuq din id-direttiva l-awtur Steven Cras jgħid li:

> *"If suspects or accused persons are deprived of liberty, e.g., when they have been arrested and brought to the police station, the level of obligations resting on the Member States must make the necessary arrangements to ensure that suspects or accused persons are in a position to effectively exercise their right of access to a lawyer, including by arranging for the assistance of a lawyer when the person concerned does not have one, unless they have waived that right."*[7]

L-import tal-artikolu 355AUA(6) ġie spjegat fid-dettal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Ahmed Ali Bin Amir***.[8] Issir riferenza b'mod speċifiku għall-paragrafi 32, 33 u 34 tal-istess sentenza fejn il-Qorti ikkummentat hekk fuq dan l-artikolu:

> *"Għalhekk, fejn si tratta ta' rinunzja għad-drittijiet għall-assistenza legali hekk kif sanċiti fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 355AUA(1) tal-Kodiċi Kriminali, is-subinċiż (6) tal-imsemmija dispożizzjoni jagħmilha ċara li din ir-rinunzja għandha tiġi mniżżla bil-miktub,* ***fil-preżenza ta' żewġ xhieda oħra u għandha tkun iffirmata minn kull xhud daqskemm ukoll mis-suspettat li jkun iddikjara r-rifjut tiegħu mal-awtoritajiet****. Is-suspettat għandu wkoll ikun infurmat li f'kull ħin, huwa jkun jista' jirtira dak ir-rifjut tiegħu. F'dan ir-rigward, fl-Artikolu 9 id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi*

[7] Cras S., The Directive *on the right of access to a lawyer in criminal proceedings and in European arrest warrant proceedings. Eucrim pg 36 Issue 1/2014.*

[8] Deċiżja fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju 2023. Appell Numru 52/2021.

*proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà, igħid hekk:*

*Mingħajr preġudizzju għal-ligi nazzjonali li teħtieg il-preżenza jew l-assistenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-Artikoli 3 u 10:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata tkun ingħatat, bil-miktub jew bil-fomm, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwagg semplici u li jinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt koncernat u l-konsegwenzi possibbli tar-rinunzja għalih;*

*(b) ir-rinunzja tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.*

*2. Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew bil-fomm, għandha tigi irregistrata, kif ukoll ic-cirkostanzi li fihom tkun ingħatat ir-rinunzja,* ***bl-uzu tal-procedura ta' registrar f'konformita mal-ligi tal-Istat Membru koncernat.*** (Enfażi ta' din il-Qorti)

*3. L-Istati Membri għandhom jizguraw li l-persuni suspettati jew akkuzati jistgħu jirrevokaw ir-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju matul il-procedimenti kriminali u li huma jigu infurmati b'dik il-possibbilta. Tali revoka għandu jkollha effett mill-mument li ssir.*

*33. Dan l-Artikolu tal-imsemmija direttiva huwa rifless fl-Artikolu 355AUG tal-Kodiċi Kriminali, li jitratta r-rifjut ta'*

*dawk id-drittijiet saniċiti fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 355AUA u 355AUH:*

*(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu li jeħtieġ il-preżenza mandatorja jew assistenza ta' avukat, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-artikoli 355AUA u 355AUH:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata għandha tingħata, verbalment jew bil-miktub, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwa sempliċi u li tinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt ikkonċernat u l-konsegwenzi possibbli f'każ li ssir rinunzja għalih;*

*(b) ir-rinunzja għandha tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.*

*(2) Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew verbalment, għandha tkun reġistrata kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret ir-rinunzja, bl-użu ta' kwalunkwe proċedura ta' rekordjar permessa bil-liġi.*

*(3) Il-persuna suspettata jew akkużata tista' tirrevoka r-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju waqt il-proċeduri kriminali, u għandha tkun infurmata dwar din il-possibilità. Dik ir-revoka għandu jkollha effett biss mill-mument li tkun saret.*

*34. Ġjaladarba jkunu ġew **<u>strettament</u>** segwiti dawn il-formalitajiet kif rikjesti mil-Liġi, il-Pulizija Eżekuttiva tkun imbagħad tista' tgħaddi għat-teħid tal-istqarrija lis-suspettat tar-reat investigat. Id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd għall-assistenza legali **<u>magħmula skont il-Liġi</u>** għandha titqies bħala valida u ma tistax sussegwentement tiġi attakkata bħala li mhix waħda li tassew tirrappreżenta*

*l-intenzjoni tas-suspettat u dan fin-nuqqas ta' prova sal-livell tal-probabli li tali dikjarazzjoni kienet ivvizjata minħabba f'li s-suspettat ma fehemx dak li kien qiegħed jirrinunzja għalih. Dan jista' jagħti l-każ li jseħħ meta l-persuna interrogata ma tkunx fi stat mentali u fiżiku tajjeb jew per eżempju ma tkunx qiegħda tifhem il-qagħda li tkun fiha. Biss, il-firma tas-suspettat bħala li jkun qiegħed jirrifjuta l-assistenza legali lilu offerta tirrappreżenta prova ċara li huwa jkun qiegħed jagħti l-kunsens lill-Pulizija sabiex jipproċedu għall-interrogazzjoni tiegħu. Imbagħad f'każ ta' kontestazzjoni, jkun jinkombi fuq is-suspettat li sussegwentement jipprova b'mod konkret u bil-provi – aktar milli b'ipoteżijiet jew konġetturi - li tassew dak il-kunsens tiegħu, u allura wkoll l-istqarrija li ssegwi, kien ivvizjat."*

Fid-dawl ta' dak rilevat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza suriferita kif wkoll minn qari akkurat tal-istess artikolu il-Qorti tikkonkludi li sabiex dikjarazzjoni ta' rifjut tkun **strettament valida u pienament in linea mal-liġi**, irid ikun hemm tlett (3) persuni involuti apparti l-istess suspettat: (a) il-persuna li tkun qed tinvestiga li fuqha l-leġislatur jpoġġi l-obbligu li tirrekordja r-rifjut bil-miktub; u (b) ż-żewġ xhieda li m'għandhom l-ebda obbligu li jirrekordjaw xejn iżda li sempliċiment jridu jkunu qegħdin preżenti sabiex jikkonfermaw li tali drittijiet effettivament ingħataw u li ġew rinunzjati. Din hija l-modalita li stabilixxa l-leġislatur u li trid tiġi segwita sabiex jkun jista' jitqies li r-rifjut jkun wieħed validu. Infatti fl-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Amir li għaliha saret riferenza aktar 'l fuq l-istess Qorti tuża l-kelma *"oħra"* meta tikkwalifika lix-xhieda. Infatti l-Qorti użat il-kliem *"fil-presenza ta' żewġ xhieda oħra."* Dan ifisser għalhekk li dawn iż-żewġ persuni qegħdin jiġu kunsidrati li huma estraneji għall-persuna jew uffiċjal investigattiv li qed tagħti t-twissijiet stabbiliti mil-liġi. Hemm għalhekk distinzjoni ċara u netta bejn l-uffiċjal li qed jagħti t-twissijiet u l-istess xhieda. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma tqisx li l-uffiċjal li qed jagħti d-drittijiet jista' jkun hu wkoll wieħed mix-xhieda. Apparti l-uffiċjal li qed jagħti u jirrekordja t-

twissijiet u d-drittijiet legali li qegħdin jingħataw, irid ikun hemm wkoll b'mod mandatorju żewġ xhieda. Jekk ma jkunx hemm dawn iż-żewġ xhieda, allura ma jistax jitqies li l-proċedura tar-rifjut ġiet segwita skont kif tistabilixxi l-liġi. Il-Qorti tqis li tali proċedura trid tiġi segwita *ad unguem* anke fid-dawl tal-fatt li kif intqal fis-sentenza tal-Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet ***Romario Barbara vs Avukat Ġenerali u b'digriet tal-5 ta' Awissu 2021 isem l-Avukat Ġenerali ġie sostitwit għall-Avukat tal-Istat***:[9]

> *"meta l-akkużat ikun fil-kustodja tal-Pulizija, bħal meta taħt arrest jew interrogat, l-obbligu tal-Istat huwa ogħla minn meta jkunu bdew il-proċeduri formali.Għalhekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Istat għandu bl-ogħla diliġenza jassigura li drittijiet fundamentali tal-bniedem ikunu imħarsa. Presubilment, id-distinzjoni bejn l-istadju ta' meta jkunu għadhom ma nbdewx proċeduri formali u l-istadju meta jkunu hekk inbdew, huwa dovut għall-fatt għaliex waqt il-proċeduri formali u ċjoè' meta jitressaq quddiem Qorti formalment, minn hemm 'l quddiem dejjem hemm is-serħan tal-moħħ li l-istess Qorti ser tgħasses fuq dawn d-drittijiet sabiex tiżgura li jkunu imħarsa. Iżda dan kollu sakemm l-istess akkużat ma jkunx irrinunzja għad-drittijiet tiegħu."*

Fil-każ in eżami d-drittijiet ġew mogħtija lill-akkużat minn PS 2396 A Azzopardi. Dan ifisser li PS 2396 kien qed jaġixxi fil-vesti tiegħu ta' uffiċjal investigatur f'dan il-każ. Għall-għoti ta' din it-twissija kien hemm biss PC 912 G. Bugeja u ma kien hemm l-ebda uffiċjal ieħor tal-Pulizija preżenti jew xi xhud ieħor. Dan għalhekk ifisser li d-dikjarazzjoni ta' rifjut ma saritx bil-modalita li trid il-liġi u għalhekk ma tistax titqies li hija waħda valida. Konsegwentement għalhekk dak li seħħ wara li ingħatat din it-twissija – la darba din l-istess twissija ma saritx in konformita mal-liġi – ma jistax jitqies li huwa ammissibbli bħala prova. Il-Qorti għalhekk sejra tiskarta

---

[9] deciza fis-16 ta' Gunju 2022 mill-Qorti Civili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali)

kompletament dak li l-akkużat qal lill-Pulizija fl-istqarrija li huwa ta lill-Pulizija fis-sitta (6) ta' Lulju 2024. Dak li huwa ammissibbli biss bħala prova huwa dak li ikkonstataw il-Pulizija fil-mument li kienu innuttaw il-vettura parkeġġjata u Dion Xuereb mar fejn l-istess vettura. Jirriżulta li dak li qal Dion Xuereb f'dan il-punt huwa kien qalu spontanjament u mhux għax ġie mistoqsi. Il-Pulizija ikkonstataw wkoll kif l-akkużat kellu wkoll iċ-ċwievet tal-istess vettura u bl-istess ċwievet il-Pulizija fetħu l-istess vettura u anke għamlu tfittxija ġol-istess vettura. L-akkużat anke ħa affarijiet minn ġewwa din il-vettura.

Ikkunsidrat;

B'riferenza għall-akkużi speċifiċi din il-Qorti tirrileva s-segwenti:

(a) għar-rigward l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuża la darba ġiet skartata kompletament l-istqarrija li ta l-akkużat fis-sitta (6) ta' Lulju 2024 fl-atti ma jibqa' xejn x'jorbot lill-akkużat ma' dawn l-akkużi. Il-prova tas-sewqan hija kompletament nieqsa. Infatti fil-mument li l-Pulizija sabu l-vettura din kienet parkeġġjata u ma kinitx qed tinstaq. Apparti minn hekk għalkemm ġie inġunt rappreżentant tal-LESA li ikkonferma li fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ġunju 2024 kienet inħarġet ċitazzjoni fuq l-istess vettura minħabbba overspeeding, mir-ritratti esebiti ma hemm l-ebda ħjiel min effettivament kien qed isuq il-vettura in kwistjoni dakinhar. Lanqas hemm xi prova oħra li tindika li l-akkużat seraq il-pjanċa tar-reġistrazzjoni EBZ 373 u r-road licence tal-vettura EQZ 493. Għalhekk il-Qorti bl-ebda mod ma tista tasal sabiex issib ħtija fl-akkużat għal dawn l-akkużi.

(b) B'riferenza għall-ħames (5) akkuża, mill-provi prodotti jirriżulta kif il-vettura in kwistjoni instabet fit-triq parkeġġjata u kif il-kontroll ta' din l-istess vettura kien f'idejn l-akkużat tant li kellu ċ-ċwievet tal-istess. Din il-vettura infetħet mill-akkużat b'dawn iċ-ċwievet fil-presenza tal-Pulizija. Għalhekk la darba kellu ċ-ċwievet huwa kien il-bniedem responsabbli għal dik il-vettura u bħala l-bniedem responsabbli mill-istess ma setax iħalli din il-vettura fit-triq mingħajr liċenzja taċ-ċirkolazzjoni valida. Il-fatt li l-vettura ma kellhiex liċenzja taċ-ċirkolazzjoni valida ġie konfermat minn

Stephen Cachia fl-affidavit tiegħu. Infatti irriżulta kif din il-vettura kienet ilha garaxxjata mit-tlettax (13) ta’ Frar 2024. Il-ħames (5) akkuża għalhekk ġiet pruvata.

Għalkemm din l-akkuża qiegħda taħt l-leġislazzjoni sussidjarja 368.02 u l-piena hija stabbilita fir-regolament 44(7), minn eżami tal-istess regolament jirriżulta li ma’ dan ir-reat hemm abbinat wkoll piena ta’ priġunerija. Dan il-fatt għalhekk jikkonferma li dan ir-reat huwa delitt u per konsegwenza il-piena pekunarja abbinata ma’ dan ir-reat hija bil-fors multa. Għalhekk fir-rigward ta’ dan ir-reat partikolari ma jistax jingħad li m'hemmx piena;

(c) Għar-rigward is-sitt (6) akkuża jirriżulta li din il-vettura kellha pjanċi tar-reġistrazzjoni li ma kinux tagħha. Il-vettura instabet bil-pjanċi EBZ 373 meta suppost il-pjanċi li kienu abbinati ma’ din il-vettura partikolari kienu BBS 516. Dan hekk kif ħareġ wkoll mill-affidavit ta’ Stephen Cachia. La darba l-akkużat kien il-persuna responsabbli minn dik il-vettura, huwa ovvju li huwa kien qed jagħmel użu minn marki ta’ reġistrazzjoni li ma kinux ta’ dik il-vettura. Għalhekk din l-akkuża tirriżulta wkoll.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti:

(a) **mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba’ (4) akkuża** u qiegħda għalhekk tilliberah minnhom;

(b) wara li rat l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u r-regolamenti 13(2), 44(5), 44(6) u 44(7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 qegħdin issib lill-akkużat **ħati tal-ħames (5) u s-sitt (6) akkuża** u qiegħda tikkundannah għall-ħlas ta’ multa komplessiva ta’ **erba’ mitt ewro (€ 400).**

Stante li fir-rigward tar-reati li tagħhom l-akkużat qed jinstab ħati, il-liġi ma tipprovdix għall-iskwalifika mil-liċenzja tas-sewqan, il-Qorti mhux sejra tordna

li l-ħati jiġi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal xi perijodu ta' żmien.

**Dr. Jean Paul Grech**
**Maġistrat**